# L-inizjattiva 'Dare to Care'

Vivienne Attard
Moviment tal-Fokolari

Kif tara dan it-titlu għandek mnejn tistaqsi: Din x'inizjattiva hi? Min qed jagħmilha? Din l-inizjattiva għandha l-għeruq tagħha f'dik l-armonja li hi komunjoni u li aħna lkoll imsejħin biex ngħixu. Tippromwovi impenn, involviment attiv, apprezzament... Tfasslet mill-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-Moviment tal-Fokolari, li meta llanċjawha riduha tkun pjattaforma ta' attività umana miftuħa għal kulħadd.

**Il-pandemija kixfet ħafna affarijiet**

Ilkoll nafu li l-pandemija kixfet u aggravat il-problemi soċjali, poġġietna fi kriżi, urietna kemm aħna vulnerabbli, kemm niddependu minn xulxin, u li jekk ma neħdux ħsieb xulxin, m'aħniex ser naslu biex infejqu d-dinja tagħna mill-ġrieħi li qed ifaqqru l-kwalità tal-ħajja tal-familja umana. X'ser nagħmlu quddiem din il-kriżi? Il-Papa Franġisku jfakkarna li "minn kriżi ma nistgħux noħorġu kif dħalna; jew noħorġu aħjar, jew noħorġu agħar".

Kif qal hu stess għandna għażla quddiemna, iżda biex għażla tkun effettiva, magħha jrid ikun hemm l-azzjoni. Hemm bżonn li mill-kliem ngħaddu għall-fatti biex naffrontaw l-isfidi li d-dinja tagħna għandha quddiemha.

Iż-żgħażagħ tal-Moviment tal-Fokolari għarfu dan il-bżonn u fasslu strateġija: ħarġu bl-idea ta' dawk li sejħulhom "Trejqat għal Dinja Magħquda". Is-sitwazzjoni tal-pandemija kompliet issaħħaħ il-fehma tagħhom li hemm bżonn ixammru l-kmiem u jwieġbu għall-karba tal-umanità tal-lum billi jimxu f'dawn it-trejqat bl-inizjattiva "*Dare to care*".

Is-slogan "*Dare to care*" qed isir il-ħajja ta' bosta individwi, gruppi u komunitajiet li, kontinwament, jagħrfu l-bżonn li l-imħabba titlaħħam f'għemejjel li jiftħu t-triq għal bidliet li l-bnedmin fid-dinja kollha qegħdin iħossu l-ħtieġa tagħhom.

**Inizjattivi li jolqtu kull aspett tal-ħajja**

Il-kampanja"*Dare to care*" qed timmira lejn inizjattivi li jolqtu kull aspett tal-ħajja: ekonomija, politika, saħħa, edukazzjoni, ekoloġija, armonija soċjali, eċċ. Twaqqfu diversi inizjattivi f'bosta nħawi tad-dinja, iniżjattivi li jnisslu t-tama għax tara fihom iwarrad dak it-tajjeb li jixref minn qalb it-taqlib tal-istorja. "Bqajt tassew milquta meta smajt grupp ta' tfal u *teenagers* Maltin li jagħmlu parti mill-Moviment tal-Fokolari jitkellmu dwar l-isfida *Zero Hunger*. Nisslu fija ċertu interess u tama ġdida, l-aktar meta bdew jirrakkuntaw dwar l-inizjattiva tagħhom ta' ġbir ta' affarijiet tal-ikel biex jagħtu l-għajnuna lil żewġ *food banks* - hekk qalet omm li kienet preżenti għal waħda mil-laqgħat tal-Moviment u semgħet lil dawn it-tfal jaqsmu l-esperjenzi li qed jgħixu biex jagħtu sehemhom għal dinja fejn isaltnu l-għożża u l-ħarsien.

Membri adulti tal-Fokolari involuti fl-organizzazzjoni ta' inizjattiva li qed issir Malta qalu: "Il-pandemija, anki f'pajjiżna, kompliet turina l-urġenza li mill-kliem hemm bżonn ngħaddu għall-fatti. Sirna nafu li bosta għaqdiet mhux governattivi kienu qed jitolbu għal aktar affarijiet tal-ikel u li kienu qed jitwaqqfu diversi *food banks*. Ħassejna li kien hemm bżonn immiddu idejna u nagħtu daqqa t'id. Poġġejna flimkien, adulti u żagħżagħ, fassalna pjan, organizzajna ruħna u bdiet il-ħidma.

Kull xahar bdejna niġbru affarijiet tal-ikel u bżonnijiet oħra mingħand il-membri tagħna. Qed nagħtu informazzjoni dwar din il-ġabra fuq il-*website* tal-Moviment, mhux biss biex infakkru dwar il-ġabra, u lkoll inkunu nafu għal liema għaqda jew *food bank* qed niġbru u x'affarijiet għandhom bżonn, imma wkoll għax nixtiequ nippromwovu din il-kultura tal-għożża".



**Abbundanza ta' affarijiet**

Waqt li komplew jirrakkuntaw dwar din l-inizjattiva, stajt tara li kull xahar qed tasal abbundanza ta' affarijiet fiċ-Ċentru tal-Moviment u li żdied in-numru ta' dawk li qed jikkoperaw f'din l-azzjoni ta' solidarjetà. Inħolqot xibka ta' relazzjonijiet u nibtu esperjenzi oħra anki fuq livell personali. Fost dawn issemmew għajnuna mogħtija lir-rifuġjati u lil xi barranin li sabu ruħhom bla xogħol minħabba l-pandemija. Xi wħud minn dawn l-esperjenzi ġew ixxerjati fuq il-*website* uffiċjali tal-Moviment.



Tkellmu wkoll dwar il-*webinar* li ġie organizzat f'Mejju li għadda u li għalih kienu mistiedna anki r-rappreżentanti tad-diversi għaqdiet li qed jibbenefikaw minn din l-inizjattiva. Dawn ir-rappreżentanti tkellmu dwar il-ħidma varja li qiegħda ssir fi ħdan l-għaqdiet tagħhom biex jgħinu lill-fqir, lill-batut, lil min hu bla xogħol... Xi ħadd qal: "Din il-laqgħa kienet mument prezzjuż ta' komunjoni u wasslitilna messaġġ ċar: urietna l-importanza u l-valur ta' ħidma flimkien, ta' ġesti sempliċi ta' solidarjetà biex intaffu l-miżerji li naraw madwarna; qanqlitna għall-qadi umli u ġeneruż filwaqt li fakkritna fil-post privileġġjat li rridu nagħtu lill-fqir u lid-dgħajjef".

**Illum jgħodd aktar mill-bieraħ**

L-appell dwar il-ħarsien tad-dar komuni tagħna li l-Papa Franġisku nieda fl-Enċiklika *Laudato si*, illum jgħodd aktar mill-bieraħ, kif deher b'mod ċar anki fil-laqgħa tal-COP26 li saret dan l-aħħar fi Glasgow. Jitlob tweġiba urġenti u konkreta u l-inizjattiva *Dare to care* qed tfittex li twieġeb anki bil-ħidma tagħha f'kollaborazzjoni ma' bosta oħrajn, billi tippromwovi sensibbiltà akbar dwar il-ħarsien tal-ambjent, l-importanza ta' kuxjenza kritika dwar l-użu tal-ġid materjali, is-sostenibbiltà ekoloġika tal-istrutturi u l-attivitajiet tagħna.

Il-kriżi ekoloġika hi kumplessa, iżda anki l-iċken inizjattiva, l-iżgħar ġest ta' għożża jgħodd biex jonqos it-taħsir ambjentali. Il-grupp *Ecofoco*, li twaqqaf fi ħdan il-Fokolari hawn Malta, ingħaqad f'din il-kampanja u qed jagħti s-sehem tiegħu b'inizjattivi żgħar u sempliċi li jgħinu biex titwarrab ir-rassenjazzjoni komda u jikber is-sens ta' responsabbiltà li lkoll għandna lejn il-ħolqien li ġie fdat f'idejna.

Tliet pilastri li fuqhom isserraħ l-inizjattiva "*Dare to Care*" huma: għarfien u riflessjoni dwar dak li jiġri madwarna, azzjonijiet konkreti u qsim ta' esperjenzi. L-inizjattivi li nibtu minnha huma varji u mifruxa mad-dinja kollha. Xi wħud jikkonċentraw fuq il-bżonnijiet tal-lokal, oħrajn jimirħu fuq livell globali.

F'dawn l-iniżjattivi kollha tilmaħ raġġ ta' tama li jistiednek tagħti sehemek biex jinħallu l-għoqiedi tal-ġrajjiet umani u tinbena l-istorja ta' ħbiberija mal-Ħallieq u ma' kollu kemm hu l-ħolqien. U allura li b'kuraġġ u b'sens kbir ta' responsabbiltà int ukoll twieġeb mill-aħjar li tista' biex fid-dinja tagħna tikber il-kultura tal-ħarsien u tal-għożża.